**MINUTI**

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 06/2024

**Data tal-laqgħa:** 2 ta' Settembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |



MZ FD

# MINUTI

## 6.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

6.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 4

6.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 4 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

6.2.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 5 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.3.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill li rigward it-tibdil tas-sistema tad-dawl f' Misraħ Żerniq, ġie diskuss mal-awtoritajiet ikkonċernati u jista' jkun hemm lok fejn din it-tiswija tista' sseħħ.

6.3.1.1 Il-Kunsill jista jirraporta din il-ħsara taħt il-Framework li ħareġ md-Dipartiment tat-Trasport, Infrastruttura u xogħlijiet Pubbliċi.

6.3.1.2 Is- Sindku żied jgħid li biex jilqgħu l-aplikkazjzoni trid issir BOQ mingħand 'electrician' biex issir kwantifikazzjoni tal-ispiża, u minn hemm jibda l-proċċess.



MZ FD

6.3.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti dwar aġġornament fuq l-applikazzjoni tat- .Traffic Managemnet Plan'

6.3.2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li ħa ssir laqgħa fl-24 ta' Settmebru, fejn huwa personalment ħa jattendi u wara jinforma xi jkun intqal waqt il-laqgħa u x'qed joffru b'dan il-pjan.

6.3.3 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar ir- RIGHTS Project Local Children's Council ġewwa Hal Kirkop. Fejn jixtiequ jagħmlu laqgħa biex jiġi diskuss dan il-proġett.

6.3.3.1 Is-Sindku ssuġġerixa li tintbagħat imejl u ssir laqgħa biex ikun hemm iktar informazjzoni dwar dan ir-rigward.

6.3.4 Is-Sindku Matthew Agius Zammit aġġorna lill-Kunsilliera preżenti dwar il-każ tal- Housing ġewwa BLK H Misraħ iż-Żerniq.

6.3.4.1 Is-Sindku qal li wara li kien vverifika mas-Social Housing, ġie infurmat li r-residentui nessew idaħlu l-applikazzjoni tagħhom u meta ssotometewa kien tard, għalhekk ma ġietx aċċetata.

6.3.4.2 F'dan ir-rigward ħa tinbagħat korrispondenza lir-residenti biex jiġi mwassal dan il-kommunikat.

6.3.5 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li ż-Zebra Crosisng li tinsab fi Triq San Pietru saret applikkazzjoni biex tiġi mreqsa iktar 'l isfel mir-roundabout.

6.3.5.1 Is-Sindku kompla jgħid li dan sar 'il għaliex iz-zebra crossing preżenti qiegħda ta' periklu kemm għas-sewwieqa kif ukoll għall-persuni li jkunu qed jaqsmu; għax qiegħda viċin wisq tar-roundbaout u meta s -sewwieq idur, isib iz-zebra crossing ma' wiċċu.

6.3.5.2 F'dan ir-rigward il-Kunsillera preżenti qablu kollha li dan għandu jseħħ mill-aktar fis.



MZ FD

6.3.6 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar attivita' ta' Clean Up Day li ħas ssir fis-17 ta' Settembru.

6.3.6.1 It-Triq li ntgħażlet biex isir it-tindif fiha hija Triq il-Gudja. Ma dan l-avveniment hemm fondi ta' €1500 li jiġu mogħtija lil-Kunsill f'isem ir-Reġjun Punent.

6.3.6.2 B'din l-attivita ħa jiġ nfurmati wkoll l-għaqdiet ġewwa Hal-Kirkop.

6.3.6.3 Il-Kunsill qabel ukoll li bil-fondi jkunu jistgħu jinxtraw għodda għall-Kunsill, fosthom 'grass cutter'.

6.3.7 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza dwar proġett 'Sustainable Bench'. Dan huwa bank li jaħdem bil-panelli solari kif ukoll fih integrat il- WIFI.

6.3.7.1 Wara d-diskussjoni l-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni għal dan il-proġett u tintbagħat imejl għall-iktar informazzjoni dwar l-affarijiet li jridu jiġu sottomessi għall-applikazzjoni.

6.3.8 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti dwar komunikazzjoni li tirigwarda għajnuna finanzjarja li l-Malta Council for Voluntary Sector se tkun qed tagħti lill-għaqdiet volontarji biex jorganizzaw korsijiet tal-Ewwel Għajnuna.

6.3.8.1 Il-membri kollha qablu li jerġa' jintbagħat il-kommunikat lil għaqdiet bħala tfakkira.

6.3.9 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsillera preżenti li sarlu kommunikat b' lista tal-'hotspots' u l-allokazzjoni tal-ġranet tagħhom għal-ispezzjonijiet minn naħa tal-ERA.

6.3.9.1 Il-Kunsillera kollha intataw id-dokument fejn raw il-lista ta' toroq fejn ħa ssir din l-ispezzjoni.

6.3.10 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li rċieva kommunikat fejn qed tiġi mitluba timtela tabella rigward binjiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali.



MZ FD

6.3.10.1 Dan qed jiġi mitlub sabiex dan id-Direttorat ikun f'pożizzjoni aħjar biex jippjana proġetti, skemi, miżuri u dmirijiet oħra ta' xogħol relatat.

6.3.10.2 F'dan ir-rigward il-Kunsillera kollha taw lista ta' postijiet varji biex jiġu inklużi u biex tingħabar l-informazzjoni kollha meħtieġa.

6.3.11 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva kommunikat fuq stedina biex Ħal Kirkop jidħol għall-attivitajiet dwar 'Waste Reduction Week'.

6.3.11.1 Il-Kunsillera pproponu li jkun hemm tindif ta' xi akwati tat-toroq; għalkemm fl-istess spajzu ta' ġimgħa hemm attivita' oħra rigward skart.

6.3.11.2 Il-Kunsillera Lorann Bonniċi; issuġerit li titkellem mal-iskejjel biex jagħmlu attivitajiet relatti mal- ħela tal-ikel; fosthom li jingħataw riċetti ta' 'Rework Food' fejn jsiru ikliet minn ikel 'leftover' biex ma jkunx hemm ħela.

6.3.12 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar skema li ġiet offruta rigward skart.

6.3.12.1 Is-Sindku żied jgħid Ir-Reġjun qed joffri rimborż tal-ispejjeż relatati mas-servizz u l-ġbir tal-iskart waqt festi jew avvenimenti kulturali, meta l-kunsill joffri s-separazzjoni tal-iskart matul l-avveniment. Dan ir-rimborż jiddependi minn kemm il-persentaġġ tal-iskart ikun separat.

6.3.12.2 Ir-Reġjun qed joffri €3000 għal kull Kunsill Lokali sabiex jintużaw għal tindif li jkun hemm bżonn b'urġenza jew ta' skart goff li jitlob inġenji sabiex jitneħħa.

6.3.12.3 Ir-Reġjun qed joffri sa massimu ta' €1500 għal kull Kunsill Lokali sabiex jintużaw fuq tabelli li jindikaw l-iskeda tal-ġbir tal-iskart, jew għal tabelli oħra relatati mal-iskart/tindif tal-lokalita'.

6.3.13 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar il-premju anzjanita' attiva.



MZ FB

6.3.13.1 Kull kunsilliera ħa sezzjoni fejn ħa jinnominaw il-persuna li jixtiequ huma. Is-Sindku Matthew Agius Zammit ħa l- Premju Innovazzjoni u Teknoloġija fl-Anzjanità, Il-Kunsillera Ritienne Caruna Premju Anzjanità Sportiva, il-Kunsilliera Loranna Bonnici Premju Volontarjat fl-Anzjanità, u l-Viċi Sindku Bernice Farrugia għall- Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali.

6.3.14 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill għandu jibda jaħseb għall-attivita tal- 'Gigantic' mil-ġuranta preżenti.

6.3.14.1. Il-Kunsiller Joseph Schembri għamel proposta biex bħalma sar fi snin preċedenti qabel isir laqgħa ma' Clint li huwa l-koordinatur tal-proġett biex b'hekk jati linji gwida fuq l-attivita' biex susegwement il-kunsill jiltaqa' u jibda jiddiskuti u jaħdem fuq dawn l-punti.

6.3.14.2 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill biex jiddiskutu din l-attivita' tkun it-28 ta' Settembru, 2024.

6.3.15 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti dwar x'inhu jsir rigward l-'Observation Area Project'.

6.3.15.1 Is-Sindku żied jgħid li l-Perit ikkonċernat tkellem mal-eks Segreatrju Eżekuttiv ta' Hal-Kirkop Antonia Demicoli rigward il-'Maintenance Cost' mal- MIA biex b'hekk setgħu imexxu bil-proġett.

6.3.15.2 Peress li l-'Maintenance Cost' jiġi ffinanzjat, dan kien jidher baxx u kellu jerġa' jsir 'review' tiegħu; għalhekk min-naħa tal-Kunsill ġie miżjud l-infiq; u bħalissa l-Kunsill qed jistenna r-riżultat ta' dan.

## 6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

6.4.1 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana staqsiet jekk fi Pjazza Żerniq flok pjanti jistgħux jiġu pjantati ħwawar minflok. Is-Sindku qal li dan kien diġa sar, imma li ġara kien li l-pubbliku beda jaqta' ħafna u ta' spiss bil-konsegwenza li saret ħsara estensiva kemm il-ħwawar kif ukoll il-pjanti tal-madwar.



MZ FD

6.4.1.1 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana ssuġerit li jsir proġett pilota fuq dan ir-rigward; is-Sindku ssuġġerixxa li jista' jsir proġett pilota billi nsaqsu lil Ambjent Malta biex jatu żrieragħ, dawn jiġu pjantati u l-pubbliku jkun jista' jibbenefika minnhom.

6.4.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju.

6.4.3 Il-Kunsillier Joseph Schembri qal li me kellu xejn x'jikkomunika f'dan i-rigward.

6.4.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet jekk kienetx saret xi ħaġa rigward it-tabelli tal-qtates fi Triq Danny Cremona.

6.4.4.1 Ġie kommunikat li ġiet ordanta tabella u kif jaslu għandhom jitwaħħlu fi Triq Danny Cremona.

## 6.5 Rapport tal-Ilmenti

6.5.1 Il-Kunsiller Joseph Schembri lmenta rigward l-isleeping Police li riedu n-nies fir Triq San Pietru quddiem iċ-centru LEAP.

6.5.1.1 Ġie diskuss li darba kienu saru u kienu reġgħu inqalgħu peress li kien hemm bosta tgergir fosthom li kienu baxxi, li jżommu l-ilma u anke ħabba ħsejjes.

6.5.1.2 Il-qbil kien illi sleeping police f'dawk it-toroq u fil- qalba tar-residenti jiġu evitati għax ħa jkun hemm bosta lmenti.

6.5.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ressaq ilment li kien hemm fuq bankina fi Triq Nerik Scerri (ħdejn il-ġnien eżatt).

6.5.1.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li fuq dan l-ilemt kien għad fadal isir BOQ mill-Kunsill u din tgħaddi taħt idejn ' Public Works'. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

6.5.3 Rigward l-isleeping Police ta' Triq il-Fieres kien hemm petizzjoni u intbagħat kommunikat diversi drabi lil TM dwar dan r-rigward, iżda l-Kunsill baqa' mingħajr risposta u ma kien hemm l-ebda kommunikat lura.



MZ FO

6.5.3.1 Il-pass li ħa jieħu l-Kunsill huwa li ħa stima mingħand il-kuntrattur biex jingħata prezz ta' kemm tiġi tiswa; li kienet ta' €150 -il metru. Għalhekk ġie deċiż li din issir u li tiġi sottomessa taħt il-fondi tar-reġjun.

6.5.4 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi resqet ilment dwar każ ta' residenti li jgħixu ġewwa s-Social Housing ta' Triq il-Fieres, fejn xi ħadd mir-residenti għamel katusa għal-isfel u l-ħmieġ tal-annimali u kollox qed jiġi mitfugħ għand ir-residenti li joqogħdu isfel.

6.5.4.1 F'dan ir-rigward il-Kunsill ma tantx jista' jieħu azzjoni. Iżda ingħata n-numru tas-sanita biex b'hekk dawn ir-residenti jkunu jistgħu jagħmlu kommunikat magħhom fuq din is-sitwazzjoni u jmexxu fuq hekk.

6.5.5 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi resqet ilment dwar il-binja li ħa ssir fi Triq il-Kbira fejn tresqet korrispondenza lill-Awtoritatal-Ipjannar.

6.5.5.1 Fejn is-sid ilemta li bħala estetika ħa tibqa l-istess u garaxijiet f'dik it-triq diġa' hemm.

6.5.5.2 Il-Kunsill żid li sar preċedent min-naħa tagħhom fuq it-tħaffir li ħa jkun hemm

6.5.5.3 Il-Kunsill ikkonċernat rigward it-tħaffir li ħa jsir biswit dar antiki; u x'tip ta' għodda ħa tintuża għall-iskavar.

6.5.5.4 Il-Kunsill qed jitlob 'method statement' qabel jibda x-xogħol.#

6.5.5.5 Bi qbil unanimu il-Kunsill iddeċieda li ma jkunx preżenti għal-laqgħa tal- Awtorita' tal-Ipjannar.

6.5.6 Il-Kunsillier Joseph Schembri lmenta fuq id-dewmien ta' xogħol ġewwa l-ispazju miftuħ fi Triq Nerik Scerri.

6.5.6.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li għandu laqgħa ma' 'Project Green' biex jiġu diskussi l-pjanti.

6.5.6.2 Qed idur ppetiizjoni il-għaliex ir-residenti jixtiequ spazju ta' parkeġġ. Li jsir parkeġġ mal-ġnien stess diffiċli biex jiġi aċċetat minn 'Project Green'.

6.5.6.3 Għalhekk hemm l-għażla li dan il-parkeġġ jista' jsir fuq in-naħa l-oħra tat-triq biex b'hekk ikun seperat minn mal-ġnien. Jew jiġi rtirat metru u nofs ta' ħajt u l-karozzi flok jipparkjaw b'mod orriżonatli jipparkjaw b'mod vertikali.



ML FD

6.5.6.4 Il-Kunsiller Joseph Schmebru ura x-xewqa li jara l-petizzjoni; iżda s-Sindku Mathhew Agius Zammit qal li huwa din il-petizzjoni m'għandux, iżda għandu biss kommunikat tagħha u li fiha madwar 50 firma.

6.5.6.5 F'dan ir-rigward il-kunsiller Joseph Schembri qal li 50 firma; kkumparat mal- 2500 resident huma ftit u ma jreġġux; għax irid ikun hemm 5% tar-residenti mill-petizzjoni biex din tagħmel impatt.

6.5.6.6 Fud dan l-ilment ħa jiġi kkomunikat iktar informazzjoniw ara l-laqgħa li s-Sindku ħa jkollu ma' Project Green.

6.5.7 Il-Kunsillera Ritienne Caruana waslet ilmnet ta' residenta anzjana fi Triq il-Kbira; li peress li l-tarf tal-bankina ġejja għal-rampa minħabba aċċesibilta', din mhux qed tkun tista' tnaddaf it-tieqa għax il-bankina tinżel l-isfel u ma tilħaqx.

6.5.7.1 F'dan ir-rigward ħa jiġu mistoqsija l-awtoritajiet ikkonċernati biex jiġi mistoqsi jekk il-bankina tistax tiġi liveliżżata u ma tibqax għan-niżla.

## 6.6 Social Housing Permess PA 05460/20;

6.6.1 F'dan ir-rigward kien hemm permess mit- 2016 għall 45 appartament u 9 garaxxiiet.

6.6.1.1 Dan il-permess baqa' jiġi mġedded kull 5 snin; sakemm ħareġ permess għal 90 appartament u 45 garaxx.

6.6.1.2 Meta ra dan il-Kunsill preċedenti agħmel ittra ta' oġġezzjoni abażi li dawn l-appaftmenti u l-garaxxijiet kienu ħa joħolqu problema fil-parkeġġ ,fis-sitema tad-dranaġġ u anke tad-dawl.

6.6.1.3 Il-Kunsill preċedenti fuq dan ir-rigward talab ukoll li jsir 'Social Impact Assessment'

6.6.1.4 L-ittra ta' oġġezzjoni saret mil-Perit Tony Bezzina li kellu l-Kunsill dak iż-żmien.

6.6.1.5 Fuq dan il-permess kienu saru xi tibdiliet fl-ammont tal-parkeġġ imma r-rakkomandazzjonijiet ma ntlaqgħux mil-Awtorita' tal-Ipjannar ; bir-risposta lura kienet li huma mxew mal-linji gwida tagħhom.



MZ FD

6.6.2 Fis-16 t' Awwissu, 2024 beda jsir xogħl ta' sbarazar f'din iż-żona. Fejn qamet kommossjoni mir-residenti; sa anke ġew intervistati xi residenti u anke kien hemm artiklu fuq il-gazzetti.

6.6.3 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li kull darba li jiġi mistoqsi dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dejjem jirrispondi li bħala Kunsill qed jiġbor l-informazzjoni kollha neċċesarja mingħand l-awtoritajiet ikkonċernati biex b'hekk ikun il-Kunsill ikun jista. jieħu deċiżjoni tiegħu.

6.6.4 Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li s-sit ta' Newsbook ikkunattjaw lil Lis-Sur Terence Agius ( Eks Sindku ta' Ħal Kirkop) u Newsbook kitbu li l-Kunsill ma ħa l-ebda pożizzjoni. F'dan ir-rigward is-Sur Matthew Agius Zammit ħa jikkuntatja lil Newbsook.

## 6.7 Mozzjoni – Iffriżar tal - Permess PA 05460/20

6.7.1 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi reset mozzjoni li ġiet ssekondata mis-Sindku Matthew Agius Zammit.

6.7.2 Il-mozzjoni tirrikjedi ftit żmien qabel jitkompla x-xogħol biex il-kunsill ikun jista' jiddiskuti mal-entitajiet.

6.7.3 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi kompliet tgħid li hemm barra n-nies qed jaraw entitajiet u anke l-pubbliku jitkellmu u jieħdu passi; filwaqt li l-kunsill qed jidher li mhu jagħmel xejn.

6.7.4 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi kompliet tgħid li apparti l-impatt soċjali ta' dan il-proġett ma tridx tintessa s-saħħa u s-sigurta tar-residenti.

6.7.5 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi qed tipproponi li bħala Kunsill tinbagħat ittra lill Housing Authority biex jitwaaqf ix-xogħol u ssir laqgħa fejn ikun hemm reviżjoni tal-applikazzjoni u jaraw x'assessjar hemm bżonn isir.

6.7.6 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi kompliet tgħid li r-residenti mhux qed ikunu jafu x'inhu jsir u qed jinżammu fl-għama u resqet parir li ssir laqgħa pubblika fejn ir-residenti ikollhom xi avukat jew perit li jtihom pariri legali.

6.7.7 Fuq dan il-punt il-Kunsillera Ritienne Caruana ma qablitx u qalet qabel hija tiltaqa' u tieħu linji gwidi min-naħa tagħha ma tistax taqbel



FD

MZ

mal-mozzjoni. Tal-istess fehma kien il-Kunsiller Joseph Schembri. Il-Viċi Sindku ma kinitx ċara fil-pożizzjoni tagħha.

6.7.8 Peress li ma kienx hemm qbil u peress li ma kienx hemm qbil ċar fil-mozzjoni mressqa, skont il-proċedura, trid tissejjaħ laqgħa b'urġenza fejn tiġi diskussa dik il-materja biss, sakemm ma jkunx hemm qbil unanimu fuq il-mozzjoni mressqa.

6.7.9 Din il-laqgħa b'urġenza, flimkien mal-mozzjonijiet imressqa fuq l-istess materja, iridu jintbagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv sa 5 ijiem qabel ma tissejjaħ il-laqgħa.

## 6.8 Rikjesta ta' Protesta mir-Residenti Kopin;

6.8.1 Il-Kunsill irċieva kommunikat mir-residenti kif huma inkwetati ferm dwar l-impatt kbir li l-blokka enormi ta' appartamenti li se tinbena fi Triq il-Karwija (u parzjalment fi Triq San Pietru u Triq l-Imdina) se tħalli fuq Hal-Kirkop.

6.8.2 Din kiet diġa' saret talba biex issir protesta paċifika imma meta bagħtu l-entitajiet ikkonċernati kienu ingħataw ripsosta biss mil-korp tal-puluzija

6.8.3 Għaldaqstant intbagħat kommunikat; fejn qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill Lokali wiċċ imb wiċċ biex ikunu jistgħu jiddiskutu dan l-iżvilupp, jaqsmu mal-Kunsill uħud mill-opinjonijiet li għandhom fuq l-effett li dal-iżvilupp se jkollu fuqhom bħala residenti u fuq Hal Kirkop, u biex jaġġornawhom xi ftit fuq il-komunikazzjoni li l-Kunsill qed ikolli mal-awtoritajiet f'isiem ir-residenti.

## 6.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

6.9.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 153 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

6.9.2 Is-Sindku Matthew Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 153 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Schembru, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.



MZ FD

## 4.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

410.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

4.9.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 16 t'Ottubru, 2024 fil-17:00hrs.

4.9.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:00hrs.

Aġent Segretarju Eżeuttv

Franklan Debono



ML FD

**Mozzjoni Ref:** 01/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 154 tiġi approvata.

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 12 ta' Settmebru, 2024

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 02/24/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 6

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | Loranna Bonnici |

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Settembru, 2024

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**